


# SHAREHOLDERS' NEWS

**Malta Association of Small Shareholders - MASS VO 0629**

*Address: C/O Malta Stock Exchange Plc.*
*Garrison Chapel, Castille Place, Valletta VLT 1063 - Malta*
*website: mass.org.mt email: info@mass.org.mt*


## Editorjal

*minn Tarcisio Barbara*



Għeżież Azzjonisti, nispera li intom tajbin bħalma ninsabu aħna. Jekk Alla jrid, bdejna sena ġdida u l-ħidma tal-MASS tibqa' dejjem għaddejja, kemm b'laqgħat ma' Kumpaniji, Awtoritajiet u individwi, fejn inressqu suġġerimenti u mistoqsijiet, biex dejjem intejbu s-suq lokali għall-benefiċċju tal-Investituri ż-żgħar. Issa, minn dan ix-xahar ukoll, bdejna nippreparaw biex nagħmlu l-laqgħa ġenerali annwali tagħna u l-ħsieb huwa li ssir f'Marzu. Għaldaqstant inħeġġukom minn issa, biex kif titħabbar id-data, tkunu ppreparati biex tattendu u tressqu s-suġġerimenti, kjarifiki, kritika u xi mistoqsijiet li jista' jkollkom, ħalli nkomplu ntejbu l-qagħda tal-Assoċjazzjoni MASS u b'hekk tibbenefikaw intom il-membri. Għaldaqstant inkomplu nħeġġu biex aktar Investituri żgħar jidħlu membri fil-MASS sabiex nikbru u nissaħħu.

Intant, dan huwa l-ewwel magażin għal din is-sena, bħas-soltu b'tagħrif u artikli interessanti. Jekk Alla jrid, din is-sena nerġgħu għal li konna qabel, billi noħorġu iżjed fuljetti u nżommukom aktar aġġornati. F'din in-*Newsletter*, numru 79, qed nirrapportaw l-impenji kollha li kellha l-MASS fix-xhur ta' Awwissu, Settembru u Ottubru 2023. Se ssibu l-**Editorjal** u l-**Impenji tal-MASS** miktuba minni, li fihom rapporti qosra fuq l-impenji kollha li kellha l-MASS f'dawk ix-xhur. Imbagħad ghandkom *Press Release* minn Better Finance: **2022's Annus Horribilis and 23-Year Performance Crisis Leave EU Citizens Struggling for Retirement Income.** Wara se ssibu artiklu bl-Ingliż: **The Year ahead for Local Equities**, mis-Sur Josef Cutajar, Analista Finanzjarju minn M.Z. Investment Services Ltd. Fl-aħħar għandkom issibu l-**Avviżi**.

Fl-artiklu tiegħu, is-Sur Cutajar daħal fid-dettall fuq l-andament tas-sena li għaddiet, tal-Kumpaniji kważi kollha li hemm elenkati fil-Borża ta' Malta. Dan l-artiklu għandu jgħin lill-Investituri ż-żgħar kif għandhom jinvestu matul din is-sena 2024. Hija x-xewqa tagħna li dan l-artiklu interessanti naqilbuh ukoll għall-Malti, forsi għall-ħarġa li jmiss, biex b'hekk jinqara iżjed.

Jalla ssibu din ir-rivista interessanti wkoll; min-naħa tagħna nixtiequ nisimgħu l-kummenti tagħkom. Nixtieq ukoll f'isem sħabi nirringrazzja lil numru kbir ta' membri li kitbulna, jew ċemplulna, fejn irringrazzjawna, tawna l-appoġġ kollu u nkoraġġewna biex nibqgħu mexjin kif aħna. Min għandu xi artiklu li nistgħu nippubblikawh, jekk jogħġobkom għadduhulna.
Nirringrazzjakom ħafna tal-appoġġ, u nirringrazzja b'mod speċjali lil dawk li qed jirreklamaw u lill-i*sponsors* kollha li tarawhom fl-aħħar paġna fil-lista **Companies Supporting the Malta Association of Small Shareholders** (MASS). Inrodd ħajr ukoll f'isem il-MASS lill-kontributuri kollha ta' dan il-fuljett fosthom lis-Sur Josef Cutajar.

**Indirizz**

**Editur, ritratti u ssettjar: Tarcisio Barbara**
**Qari tal-Provi: Paul Callus**
**Disinn tal-Logo u Stampat:**
**Print Right Ltd. - Ħal Qormi**

***Kulma jinkiteb f'dan il-fuljett mhux bilfors jirrifletti l-fehma tal-Membri tal-Kumitat tal-MASS.***

NEWSPAPERPOST



# Impenji tal-MASS Awwissu, Settembru u Ottubru 2023

*Minn Tarcisio Barbara*



**Fl-1 ta' Awwissu 2023**, kmieni wara nofsinhar, uħud mill-membri tal-Kumitat tal-MASS ġejna mistiedna mill-Bank HSBC għal-laqgħa dwar ir-riżultati ta' nofs is-sena. Din il-laqgħa saret fil-Kampus tal-Università l-Qadima, il-Belt Valletta. Iċ-Ċermen tal-Bank, Dr John Bonello, għamel introduzzjoni qasira. Wara, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Geoffrey Fichte, ta l-messaġġ tiegħu. Imbagħad, l-Uffiċjal Kap Finanzjarju, is-Sa Charlotte Cilia, għamlet preżentazzjoni tal-kontijiet ta' nofs is-sena. Fl-aħħar, il-Kap Eżekuttiv għamel ir-rimarki tiegħu. Wara saru xi mistoqsijiet minn dawk preżenti. Il-MASS staqsiet dwar id-*dividends* li qed jagħti l-Bank, kif ukoll dwar l-ATMs.



**Fl-1 ta' Awwissu 2023**, wara din il-laqgħa tal-HSBC, delegazzjoni mill-Kumitat tal-MASS ġiet mistiedna mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Bank, biex tiltaqa' miegħu fl-uffiċċju tiegħu, il-Belt Valletta. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm ukoll is-Segretarju tal-Bord, is-Sa Paula Mamo. Din il-laqgħa kienet kordjali, u s-Sur Geoffrey Fichte għamel enfasi fuq ir-rendiment tajjeb tad-dividend li qed jagħti l-Bank. Min-naħa tagħha, il-MASS għamlet diversi mistoqsijiet favur l-investituri ż-żgħar.

**Fl-1 ta' Settembru 2023**, filgħodu, Delegazzjoni mill-Kumitat tal-MASS ħadet sehem f'laqgħa tat-tħabbir tar-riżultati ta' nofs is-sena tal-Kumpanija IHI, fil-Lukanda Corinthia San Ġorġ, San Ġiljan. L-ewwel tkellem iċ-Ċermen, is-Sur Alfred Pisani, fejn fil-messaġġ tiegħu introduċa l-membri tal-Kumitat tal-MASS preżenti. Huwa qal li fl-2024 se jkun hemm tibdil fil-ħatriet tal-Bord. Is-Sur Pisani qal li wasal iż-żmien li jagħti t-tmexxija lil ħaddieħor. Qal ukoll li r-riżultati ta' nofs is-sena qegħdin fuq l-irkupru; fil-fatt ir-riżultati huma 30 fil-mija aħjar mill-istess perijodu tas-sena l-oħra u issa waslu għal 95 fil-mija tas-sena ta' qabel il-pandemija. Kompla qal li l-IHI fis-sentejn li ġejjin se tkompli tespandi, u se jkun hemm pjan ċar biex jitnaqqsu d-djun u jkun hemm politika ta' dividendi (*dividend policy*) mill-aktar fis possibbli.



Wara, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Simon Naudi, għamel il-preżentazzjoni tiegħu tal-kontijiet ta' nofs is-sena u l-previżjonijiet għall-kumplament tas-sena 2023. Qal li l-karta tal-bilanċ hija ta' €1.7 biljun. Se ssir espansjoni fin-numru ta' lukandi: dik ta' Ruma se tiftaħ fl-ewwel kwart tas-sena 2024; hekk ukoll il-lukanda ta' Brussell. Aktar tard f'dik is-sena wkoll se jinfetħu l-lukandi ta' New York kif ukoll ta' Bukarest, imbagħad fl-2025, se jinfetħu l-lukandi ta' Doha u Riyhad. Wara, fl-2026, huwa maħsub li tkun lesta l-lukanda u l-proġett Oasis ta' Ħal Ferħ, Għajn Tuffieħa, kif ukoll tinfetaħ lukanda fil-Maldivi.

M&Z

M&Z p.l.c. is a publicly listed company on the Malta Stock Exchange trading in fast-moving consumer goods. The portfolio includes reputable household names in **foodstuffs, home & personal care, baby & kids care, pet care** and **wines & spirits**.

***Just a few brands we're proud to represent...***

Wara dawn id-diskorsi kien hemm numru ta' mistoqsijiet. Is-Sur Pisani qal li jixtieq li fis-sentejn li ġejjin ibigħ 2 jew 3 lukandi mis-sitta li għandhom f'Malta, biex b'hekk ikunu jistgħu jħallsu ħafna mid-djun u fl-istess ħin ikunu jistgħu joħorġu dividendi lill-Azzjonisti.




**Fil-5 ta' Settembru 2023**, filgħaxija, saret it-80 konferenza tal-MASS fil-Lukanda Corinthia San Ġorġ, San Ġiljan. Il-kelliem għal din il-laqgħa kien is-Sur Mark Bezzina, Espert tat-*Third Pillar Pensions* u Membru tat-Tim GEMMA, bis-suġġett: Pensjonijiet Privati (*Third Pillar Pensions*). Is-Sur Bezzina qal li għal min qed jinvesti f'dawn il-poloz tal-pensjonijiet il-Gvern qed jagħti krediti tat-taxxa (*tax credits*) tajbin ħafna. Illum, il-*unit link* ta' dawn l-investimenti qed jagħti interessi ta' 5 fil-mija u l-Gvern qed jagħti 25 fil-mija *tax credit*, sa massimu ta' €750. Qal ukoll li biex tagħmel sens, l-età għal min jagħmel polza tal-assigurazzjoni għall-pensjoni, ma tridx tkun aktar minn 55 sena. Din il-laqgħa interessanti kienet akkumpanjata wkoll bi preżentazzjoni.

FIMBANK
Your trade finance and corporate banking partner




**Fis-7 ta' Settembru 2023**, filgħodu, Delegazzjoni mill-Kumitat tal-MASS, attendiet għal-laqgħa dwar ir-riżultati ta' nofs is-sena tal-FIMBank. Din il-laqgħa saret fl-uffiċini tal-FIMBank, Paceville, San Ġiljan. Fil-bidu, iċ-Ċermen tal-Bank, Dr John C. Grech, għamel introduzzjoni. Huwa qal li din is-sena huma kuntenti ħafna, il-għaliex ir-riżultati ta' nofs is-sena marru aħjar mill-perijodu tas-sena ta' qabel u dan minħabba li għolew ir-rati tal-interess. Qal ukoll li d-dejn tal-Bank qiegħed taħt kontroll.

Wara, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Mohammed Louhab, għamel preżentazzjoni tal-prestazzjoni tal-Bank fl-ewwel 6 xhur tas-sena 2023. Qal li ma kienx hemm telf ta' kreditu; qal li jinsabu f'*momentum* tajjeb. L-Uffiċjal Kap Finanzjarju, is-Sur Juraj Beno, qal li d-dħul nett mill-imgħax tela' bi 30 fil-mija għal $18.2-il miljun. Il-profitt wara t-taxxa kien ta' $3.9 miljuni, li huwa bidla ta' $6.8 miljuni mill-perijodu ta' qabel. Id-dħul tiela' 'l fuq u l-ispejjeż tal-Bank huma neżlin 'l isfel.

Fl-aħħar, is-Sur Louhab, ta ħarsa 'l quddiem u qed jisperaw li r-riżultati tal-kumplament tas-sena jkunu bħal dawk tal-ewwel 6 xhur jew forsi aħjar. Fl-aħħar nett, Dr John C. Grech għamel il-konklużjoni tiegħu.

**Fit-12 ta' Settembru 2023**, fl-4 ta' wara nofsinhar, saret laqgħa tal-Kumitat tal-MASS, fil-Borża ta' Malta, il-Belt Valletta. Id-disa' membri tal-Kumitat kienu kollha preżenti.

L-Aġent President fetaħ il-laqgħa bl-Aġenda li ġejja:

1. Qari tal-Minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kumitat
2. Riżultati mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Riżenji u Koopzjonijiet
5. *Policies* għall-Kumitat
6. Invit għall-Konferenza tal-*Better Finance*
7. Konferenzi Pubbliċi
8. Laqgħa mal-MFSA
9. Affarijiet Oħra.



1. Qari tal-Minuti: Is-Segretarja Mary Farrugia, qrat il-minuti tal-aħħar laqgħa. Kien hemm żewġ korrezzjonijiet u ġew emendati l-minuti u approvati.

2. Riżultati mill-Minuti: Il-PRO Tarcisio Barbara qal li kien f'kuntatt mas-Segretarju tal-Forum tas-Segretarji tal-Kumpaniji biex jinkoraġġixxi lis-Segretarji tal-Kumpaniji elenkati fil-Borża ta' Malta, li mhumiex f'dan il-Forum, sabiex iħeġġiġhom biex jipparteċipaw huma wkoll f'dawn il-laqgħat.
Kien hemm tibdil żgħir fil-pożizzjoni tal-Assistent Segretarju Internazzjonali, Anthony Said, billi żdiedlu x-xogħol li jikkonsisti f'li jieħu ħsieb xi artikli għan-Newsletter tal-MASS.

Inqrat ittra tar-riżenja mill-Kumitat ta' Ambrose Muscat.

3. Korrispondenza: Il-MASS irċeviet ittra li mit-28 ta' Awwissu, ir-rata speċjali tal-pustaġġ għan-Newsletter mhix se tibqa' sseħħ. Dan se jkollu effett negattiv fuq l-ispejjeż li se jkollu l-Kumitat, minħabba li r-rata tal-posta biex nibagħtu l-fuljett, se togħla drastikament.
Inqrat ukoll ittra li l-MASS irċeviet minn membru rigward ir-responsabbiltajiet mid-Diretturi tal-Kumpaniji.

Tarcisio Barbara kkummenta li numru ta' membri tal-MASS ma kinux kuntenti bl-imġiba tal-BOV vis-à-vis l-azzjonisti tiegħu. Għal dan il-għan il-MASS kellha l-intenzjoni li torganizza konferenza fil-futur qarib b'xi kelliem mill-BOV. Għaldaqstant kellu jsir kuntatt mal-bank BOV biex ikun organizzat dan l-avveniment.

4. Riżenji u Koopzjonijiet: Il-Kumitat irċieva żewġ riżenji: ta' Ambrose Muscat u Jean Pierre Caligari. Hawnhekk inqrat l-ittra ta' riżenja li bagħat Jean Pierre Caligari. Dawn iż-żewġ riżenji ġew aċċettati mill-membri tal-Kumitat u saret enfasi biex id-dokumenti kollha li kienu jinsabu għand dawn iż-żewġ persuni jiġu rritornati lill-MASS. Minħabba dawn ir-riżenji, issa fil-Kumitat kien hemm żewġ vakanzi u waħda minnhom kienet se timtela billi jiġi koptjat is-Sur Joseph Mangion li kien ir-*runner up* fl-aħħar laqgħa ġenerali annwali. Hemm il-ħsieb li t-tieni vakanza timtela minn xi membru interessat.

5. *Policies* għall-Kumitat: L-Aġent-President qara żewġ dokumenti ta' *policies* li kellu jaddotta l-Kumitat tal-MASS. Waħda kienet fuq konflitt ta' interess, u l-oħra kienet dwar il-liġi tal-protezzjoni tad-data. Kien hemm ukoll it-tielet *policy* ippreparata mit-Teżorier u li kienet tirrigwarda spejjeż li jagħmlu membri tal-Kumitat waqt xogħol tal-MASS. Intlaħaq qbil li din kellha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

6. Konferenza tal-*Better Finance*: Is-Segretarju Internazzjonali, Kevin Mizzi qal li se jirrispondi stħarriġ li ntbagħat lilna mill-*Better Finance*. Qalilna wkoll li l-konferenza li saret fil-ġimgħat li għaddew fi Vjenna, ħadd mill-membri tal-Kumitat tal-MASS ma attenda għaliha, minħabba prezzijiet għolja ta' akkomodazzjoni u vvjaġġar.

7. Konferenzi Pubbliċi: Il-konferenza li jmiss kellha ssir ġewwa l-kumpless ta' Trident Estates, fl-Imrieħel fil-11 ta' Ottubru. Is-suġġett li se jkun diskuss huwa Moralità Fiskali u l-kelliem se jkun is-Sur Mario Cilia, mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

8. Laqgħa mal-MFSA: Se ssir laqgħa mal-MFSA, biex niddiskutu xi konflitti li qed jiltaqgħu magħhom l-azzjonisti u fl-istess ħin nagħmlu xi suġġerimenti għall-benefiċċju tal-Azzjonisti Minoritarji.

9. Affarijiet Oħra: Il-Viċi-President Anthony Farrugia, tkellem fuq is-sitwazzjoni li tikkonċerna l-Kumpanija RS2 u fuq il-promessa ta' dividend lill-azzjonisti.

Il-laqgħa tal-Kumitat spiċċat fis-6:30 pm.







**Fit-13 ta' Settembru 2023**, uħud mill-membri tal-Kumitat tal-MASS attendew għal seminar ta' ġurnata organizzat minn *FinanceMalta*. Dan is-seminar kien organizzat ġewwa l-lukanda Hilton, San Ġiljan. Din kienet is-sittax-il konferenza annwali. Kien hemm numru kbir ta' Kelliema, kemm Maltin kif ukoll barranin. Indirizza l-miġemgħa ċ-Ċermen ta' *FinanceMalta*, is-Sur George Vella. Fost il-Kelliema kien hemm ukoll il-Ministru tal-Finanzi, l-Onorevoli Clyde Caruana. F'din il-konferenza ġew ittrattati diversi suġġetti.




**Fl-20 ta' Settembru 2023**, filgħodu, 3 membri mill-Kumitat tal-MASS ħadu sehem fi programm tar-radju ġewwa Gwardamanġa. Il-programm jismu Minn Jum għal Jum. Dan il-programm huwa ppreżentat mis-Sa Theresa Gauci, li inċidentalment hija wkoll membru tal-MASS. Il-membri tal-MASS tkellmu fuq il-ħidma li tagħmel l-Assoċjazzjoni għall-benefiċċju tal-Investituri ż-żgħar. Waqt il-programm kien hemm it-telefonati tas-semmiegħa, fejn ħafna minnhom għamlu diversi mistoqsijiet fuq l-andament tal-Bank BOV. Il-membri rrispondew dawn il-mistoqsijiet u taw informazzjoni li setgħu fiċ-ċirkustanzi.

**Fil-25 ta' Settembru 2023**, filgħodu, uħud mill-membri tal-Kumitat tal-MASS, attendew għal-laqgħa ġenerali straordinarja tal-Kumpanija BMIT, li saret fil-Lukanda Westin, San Ġiljan. L-ewwel kien hemm introduzzjoni qasira mis-Segretarju tal-Kumpanija, Dr Francis Galea Salamone, imbagħad l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Christoper Sammut, għamel preżentazzjoni bi spjegazzjoni dettaljata ta' fejn waslet il-Kumpanija biex se tagħmel din it-transazzjoni, ir-raġuni li għaliha saret il-laqgħa.







Wara, is-Segretarju qara r-riżoluzzjonijiet li kienu se jitressqu quddiem l-Azzjonisti, imbagħad kien hemm il-mistoqsijiet ta' dawk preżenti fosthom: Fuq id-dħul u l-qligħ tal-Kumpanija, l-imgħaxijiet li se jitħallsu u fuq l-infrastruttura tal-Kumpanija. Min-naħa tal-MASS għedna li din il-Kumpanija tqassam dividend tal-għola rendiment mill-Kumpaniji kollha li hemm ikkwotati fil-Borża ta' Malta; staqsejna jekk hux se jibqa' jintgħata dan id-dividend tajjeb. Is-Sur Sammut qal li l-ħsieb tal-Kumpanija huwa li jibqa' jintgħata dividend tajjeb. Fl-aħħar nett saret il-votazzjoni fuq ir-riżoluzzjonijiet li għaddew kollha.

**Fis-27 ta' Settembru 2023**, filgħaxija, uħud mill-membri tal-Kumitat tal-MASS, attendejna għal-laqgħa ta' informazzjoni tal-Bank Lombard, li saret fil-Kamra tal-Kummerċ, il-Belt Valletta. Din il-laqgħa ssejħet mill-Bank sabiex jagħti spjegazzjoni fuq ir-*rights issue* li kellhom joħorġu. Fil-bidu saret introduzzjoni qasira miċ-Ċermen tal-Bank Dr Michael C. Bonello. Warajh l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Joseph Said, għamel preżentazzjoni fuq l-andament tal-Bank. Din il-preżentazzjoni kellha tkun ukoll fuq il-websajt tal-Bank. Qal li se joħorġu *rights issue* ta' 2 għal kull 3 ishma






miżmumin mill-Azzjonisti, bil-prezz ta' 0.75c. Qal ukoll li l-Bank qed jikkommetti ruħu li terz tal-qligħ li jagħmel jintgħata f'dividend.

Wara saru mistoqsijiet minn dawk kollha preżenti fosthom mistoqsija tal-MASS li kienet: l-NDSF li għandu aktar minn 50 fil-mija tal-Bank, ir-*rights issue* allokati lilhom se jeħduhom? Ir-risposta ma setgħetx tintgħata, il-għaliex huma ma kinux jafu jekk l-NDSF hux se jieħdu r-*rights issue* allokati lilhom.

**Fil-11 ta' Ottubru 2023**, filgħaxija, saret il-81 konferenza tal-MASS, fil-Borża ta' Malta, il-Belt Valletta. Il-Kelliem għal din il-laqgħa kien, is-Sur Mario Cilia, Assistent Direttur, Technical-Income Tax, fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Is-suġġett kien Moralità Fiskali. Is-Sur Cilia għamel preżentazzjoni dwar x'inhija t-taxxa u kif tinħadem għal diversi kategoriji ta' nies. Din il-laqgħa kienet interessanti ħafna, u fil-fatt saru numru kbir ta' mistoqsijiet minn dawk kollha preżenti. Wara, l-Assoċjazzjoni MASS ħadet ħsieb li tibgħat din il-preżentazzjoni lill-membri tagħha permezz ta' imejl.





**Fid-19 ta' Ottubru 2023**, wara nofsinhar, saret laqgħa tal-Kumitat tal-MASS, fil-Borża ta' Malta, il-Belt Valletta. 8 membri tal-Kumitat kienu preżenti u 2 skużati.
Aġenda:

1. Qari tal-Minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kumitat
2. Riżultati mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Laqgħat mal-Kumpaniji (fosthom BOV)
5. Konferenzi Pubbliċi
6. *Policies* għall-Kumitat
7. Affarijiet Oħra.

MASS



L-Aġent President fetaħ il-laqgħa billi ta merħba lill-membru ġdid fil-Kumitat, is-Sur Joseph Mangion, li kien *runner up* fl-elezzjoni fl-aħħar laqgħa ġenerali annwali.

1. Qari tal-Minuti: Is-Segretarja Mary Farrugia, qrat il-minuti tal-aħħar laqgħa. Ma kienx hemm korrezzjonijiet u ġew approvati.

2. Riżultati mill-Minuti: l-Aġent President waqt laqgħa li ma kinetx tal-MASS, fejn kien preżenti l-Prim Ministru, inqalgħet il-problema taż-żjieda fil-pustaġġ tal-fuljetti u *newsletter* li jintbagħtu. Din il-kwistjoni qajjimha l-President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Pensjonanti. Alfred Portelli qal li din iż-żjieda fil-pustaġġ se tikkonċerna ħafna lill-NGOs inkluża l-MASS.

Il-kariga tal-Assistent Teżorier se tiġi mogħtija lill-membru l-ġdid fil-Kumitat, Joseph Mangion. Din se tkun tinkludi x-xogħol li kien jagħmel Jean Pierre Caligari, fuq il-ġbir tal-miżati u r-rekords tagħhom. Is-Segretarja għandha tinforma lit-Teżorier b'din il-kariga u jsiru l-arranġamenti biex ikun hemm il-*handover*.

Rigward il-pożizzjoni u x-xogħol li jrid isir mill-Assistent PRO, dawn se jintgħataw lil Albert Azzopardi. Intqal ukoll li se ssir laqgħa mal-BOV fl-1 ta' Novembru, il-Belt Valletta, sabiex niddiskutu xi kwistjonijiet u mistoqsijiet li qed jibagħtulna l-Azzjonisti membri tagħna.

Fuq it-tielet *policy* li kienet iddraftjata mit-Teżorier, intlaħaq qbil li din se tkun diskussa f'laqgħa oħra meta jkun preżenti l-istess Teżorier.

Tarcisio qal li ntbagħtu diversi ittri lill-Kumpaniji fejn intalbu *sponsorship* għall-MASS. Qal ukoll li sa issa diġà kien hemm diversi wegħdi u hawn ta lista tagħhom.

Is-Segretarju Internazzjonali bagħat il-kwestjonarju bir-risposti lil Better Finance.

Il-konferenza pubblika li saret fil-11 ta' Ottubru nżammet fil-Borża ta' Malta, minflok fil-*board room* ta' Trident Estates, minħabba li kien hemm tibdil f'dawn l-aħħar ġranet.

Ġiet iffissata laqgħa mal-MFSA għat-23 ta' Novembru, biex tiddiskuti xi kwistjonijiet u mistoqsijiet li nirċievu mingħand il-membri tagħna.

Il-PRO qal li se ssir laqgħa mas-Sur Michael Grech li huwa *Stockbroker* minn Għawdex, fuq il-possibbiltà li l-MASS tagħmel konferenza fil-futur f'Għawdex. Hija x-xewqa tal-MASS li tilħaq l-Azzjonisti Għawdxin, sabiex inkomplu nżidu l-membri.

Intqal ukoll li Alfred Portelli, Anthony Farrugia u Albert Azzopardi, ħadu sehem fi programm 'Minn Jum għal Jum' fuq Radju Malta Wieħed. Il-parteċipazzjoni tagħhom intlaqgħet tajjeb ħafna mis-semmiegħa.



3. Korrispondenza: Il-MASS irċeviet ittra mingħand studenta universitarja Rachel Borg, fejn talbet biex tagħmel laqgħa mal-MASS b'konnessjoni mat-teżi tal-Masters li qiegħda tagħmel.

4. Laqgħat mal-Kumpaniji (BOV): Laqgħat mal-BOV u l-MFSA diġà huma skedati kif intqal aktar 'il fuq.

5. Konferenzi Pubbliċi: Il-konferenza li jmiss se ssir fil-Hilltop Gardens, in-Naxxar, fil-15 ta' Novembru u s-suġġett se jkun '*Trusts*'.

6. *Policies* għall-Kumitat: l-Aġent President ippropona li meta jkun hemm ħtieġa ta' safar għal xi konferenzi, l-ewwel preferenza għal min jattendi dawn il-laqgħat trid tintgħata lis-Segretarju Internazzjonali, imbagħad it-tieni preferenza tkun l-Assistent Segretarju Internazzjonali. Jekk dawn it-tnejn ma jkunux jistgħu, din l-offerta ssir lil xi ħadd ieħor mill-Kumitat. Jekk jinqala' dan il-każ tal-aħħar, tittieħed deċiżjoni mill-Kumitat.

7. Affarijiet Oħra: Ġie deċiż li jiġu ordnati djarji kbar u żgħar tas-sena 2024, biex dawn jiġu mqassma lill-membri fl-ewwel laqgħa li jkollna magħhom. Kien issuġġerit ukoll li l-MASS tibda torganizza viżti lill-Kumpaniji għall-membri tagħna, eżempju l-Birrerija ta' Farsons jew il-Malta International Airport. Kevin Mizzi se jkun qed jagħmel kuntatti għal dan il-għan.Tarcisio Barbara qal li beda jaħdem fuq in-*newsletter* li jmiss. Il-laqgħa tal-Kumitat spiċċat fis-6:00 pm.

**Fit-23 ta' Ottubru 2023**, filgħaxija, uħud mill-membri tal-Kumitat tal-MASS, attendejna għal-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija PG li saret fil-Lukanda Westin, San Ġiljan. F'din il-laqgħa ġew diskussi r-riżoluzzjonijiet li kienu 3: 2 ordinarji u 1 straordinarja. Dawn ġew approvati kollha mill-Azzjonisti preżenti.

PG plc






**Fis-26 ta' Ottubru 2023**, wara nofsinhar, uħud mill-membri tal-Kumitat tal-MASS, ipparteċipajna f'laqgħa *online* li organizza l-APS Bank fl-għeluq ta' disa' xhur tal-kontijiet mhux awditjati tal-istess bank.

Prestazzjoni Finanzjarja:

Għad-disa' xhur taħt reviżjoni, l-APS Bank plc irreġistra profitti qabel it-taxxa ta' €23.3 miljun għall-Grupp (3Q2022: €8.4 miljuni) u €23.6 miljun għall-Bank (3Q2022: €21.7 miljun).

a) Id-dħul mill-imgħax għad-9 xhur taħt reviżjoni kiber b'€19.9-il miljun jew 34.7% fuq l-istess perijodu tas-sena li għaddiet, fil-biċċa l-kbira mmexxi minn tkabbir robust fil-portafoll tas-self u rendimenti tal-assi ġeneralment ogħla.
b) Hekk kif ir-rati tal-imgħax komplew jogħlew, id-depożiti domestiċi u n-*non-EUR funding* żdiedu mill-ġdid, u żiedu l-imgħax ta' €21.6 miljun, jew €11.0-il miljun aktar mill-istess perijodu tas-sena l-oħra.
ċ) Id-dħul nett mit-tariffi u l-kummissjonijiet ta' €6.2 miljun żdiedu bi 13.9% fuq id-9 xhur tal-2022. Dan kien konsistenti mat-tkabbir fl-attività tan-negozju u flussi ta' kummissjonijiet li jirriżultaw minn self, transazzjonijiet relatati mal-kards, investimenti u transazzjonijiet bankarji lokali u barranin.
d) L-instabbiltà tas-swieq finanzjarji tard f'Settembru, wara ftit taż-żewġ żjidiet fir-rati tal-imgħax fis-sajf, naqas l-irkupru fil-livell tal-Grupp, minkejja li xorta rritorna €0.4 miljun qligħ nett tal-kummerċ għad-9 xhur meta mqabbel ma' kważi €9 miljuni telf mhux realizzat għall-perijodu komparattiv.
e) Dan is-sentiment kellu impatt ukoll fuq ix-'*Share of Results from Associates'* li rritorna negattivament għat-trimestru, iżda baqa' f'territorju pożittiv għall-perijodu ta' €0.2 miljun (9 xhur 2022, telf ta' €2.6 miljuni).
f) Spejjeż netti ta' indeboliment għall-perijodu kienu ta' €0.3 miljun meta mqabbla ma' €0.1 miljun lura fit-3Q2022, movimenti prinċipalment attribwibbli għat-tkabbir fil-ktieb tas-self u l-avvanzi.
ġ) Spejjeż operattivi ta' €39.5 miljun kibru b'16.7% meta mqabbla mat-€33.8 miljun għat-3Q2022. Il-moviment għal din iż-żjieda, kienu spejjeż relatati mar-riżorsi umani, ir-reklutaġġ, it-teknoloġiji l-ġodda, ir-regolamenti u l-konformità rekwiżiti, sigurtà, assigurazzjoni u żjidiet inflazzjonarji ġenerali.
g) Il-proporzjon tal-ispiża għad-dħul għall-perijodu taħt reviżjoni kien jinsab fi 62.8% (3Q2022: 75.6%).
Pożizzjoni Finanzjarja:
għ) L-Assi/Obbligazzjonijiet Totali tal-Grupp kibru bi 12.4% matul id-9 xhur taħt reviżjoni, u laħaq total ta' €3.5 biljuni.
h) Il-kontributur ewlieni kien it-tkabbir fis-self u l-avvanzi lill-klijenti, li kiber bi €363.2 miljun mill-imnut, prinċipalment self għad-djar, kreditu kummerċjali kif ukoll il-ktieb tas-self internazzjonali (*international syndicated loan book*).
ħ) Ir-riżervi ta' flus kontanti fil-Bank Ċentrali ta' Malta żdiedu b'€73.5 miljun.
i) Meta mqabbel maż-żjieda fil-linji ewlenin tal-assi, il-finanzjament mill-klijenti u l-banek kiber bi €347.5 miljun, jew 12.6% fuq id-9 xhur taħt reviżjoni.
j) Hekk kif ir-rati tal-imgħax komplew jogħlew fl-2023, il-klijenti bdew ifittxu qligħ aħjar li ġie rifless fil-bidla sinifikanti lejn depożiti għal terminu fiss.

k) L-ekwità għalqet it-3Q2023 għal €278.5 miljun, żjieda b'6.5% jew €17.0-il miljun fuq Diċembru 2022 u din kienet megħjuna parzjalment bi *scrip dividend* ta' €5.6 miljuni.
l) Il-proporzjon CET1 tal-Bank kien ta' 15.3% (31 ta' Diċembru 2022: 15.2%) u *Capital Adequacy Ratio* ta' 18.6%. (31 ta' Diċembru 2022: 18.8%).

Il-Kap Eżekuttiv is-Sur Marcel Cassar ikkummenta:

"Għandna pjaċir nirrapportaw prestazzjoni operattiva soda għall-perijodu taħt reviżjoni, kif muri minn numri rekord fil-biċċa l-kbira tal-linji ta' dħul u profitti qabel it-taxxa ta' ftit inqas minn €24 miljun. Fl-istess ħin, issikkar tal-politika monetarja iżomm il-marġini tagħna taħt pressjoni, hekk kif aħna ngħaddu ż-żjidiet fir-rati tal-imgħax lid-depożitanti, iżda mhux lil dawk li jissellfu għal darhom, u nżommu lill-klijenti kummerċjali tagħna f'moħħna. Grazzi għall-ġestjoni attiva tar-rabta tagħna u portafolli ta' self (*syndicated loan portfolios*), aħna kapaċi nieħdu firxa tajba, filwaqt li ntejbu l-ġeografija, l-industrija, l-ESG u profil tar-riskju ġenerali tal-ktieb tagħna.

Filwaqt li l-banek madwar l-Ewropa, u f'Malta, huma mistennija li jgawdu minn spinta lill-profitti tagħhom minn rati ta' imgħax ogħla, il-miri tagħna huma fuq aktar oqsma ta' tkabbir fuq terminu medju sa twil, hekk kif jidher mill-miżuri tal-banek ċentrali biex titrażżan l-inflazzjoni, mistennija jonqsu. Fi sfond ta' żviluppi mħallta ġeopolitiċi, ekonomiċi u tas-suq, l-APS Group għal darb'oħra qed juri t-triq bi prestazzjoni li tibbilanċja mudell ta' negozju li jħares 'il quddiem u negozju profittabbli u l-Bank jibqa' bħala fornitur ewlieni ta' kreditu lill-ekonomija Maltija u bankier għall-komunità. Aħna wkoll kunfidenti li t-tnedija imminenti tal-programm tagħna ta' ħruġ ta' bonds, immirat li jsaħħaħ it-*Tier* 2 u r-rekwiżiti regolatorji tagħna, se jappoġġa għeluq b'saħħtu tas-sena finanzjarja kurrenti u jwitti t-triq għal aktar tkabbir fl-2024."

**Fis-27 ta' Ottubru 2023**, f'nofsinhar, saret is-60 laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija San Tumas Shareholding, li saret fil-Kamra tal-Kummerċ il-Belt Valletta. F'din il-laqgħa għaddew dawn it-tliet riżoluzzjonijiet ordinarji, illi huma:




1. Ir-rapport annwali għas-sena li għalqet fit-30 ta' April 2023 riċevut u approvat;

2. Ħatra tal-Awdituri u r-remunerazzjoni tagħhom;

3. Il-Kumpanija rċeviet 6 nomini għal post ta' 6 Diretturi u għaldaqstant ma kienx meħtieġ li ssir Wwvotazzjoni, u b'hekk dawn kollha ġew appuntati.

**Fil-31 ta' Ottubru 2023**, wara nofsinhar, delegazzjoni mill-Kumitat tal-MASS attendiet għal laqgħa mas-Sur Michael Grech,






fl-uffiċċji tiegħu fi Fleur de Lys, Birkirkara. Peress li Michael Grech huwa *Stockbroker* minn Għawdex, xtaqna nitkellmu miegħu biex nieħdu parir jekk huwiex possibbli li l-MASS tagħmel xi konferenza f'xi post f'Għawdex u b'hekk nilħqu lill-Azzjonisti Għawdxin. F'din il-laqgħa tkellimna fuq diversi temi, b'mod speċjali kif kien sejjer is-suq lokali dak iż-żmien u x'jista' jsir biex inqajmu dan is-suq. Il-laqgħa spiċċat billi s-Sur Grech wegħedna li se jikkopera mal-MASS meta jkun hemm il-ħtieġa u li jkollna aktar laqgħat fil-futur.

# 2022's Annus Horribilis and 23-Year Performance Crisis Leave EU Citizens Struggling for Retirement Income

**Press Releases** **Date: 30th November 2023**

BETTER FINANCE, the European Federation of Investors and Financial Services Users, has released its Pensions Report 2023, uncovering the dire challenges confronting long-term and pension savers across 17 EU Member States in the aftermath of a tumultuous 2022.

In what is termed an "annus horribilis," the report exposes the setbacks faced by savers, with disastrous returns observed across multiple product categories. The key finding is the worrying ongoing trend of inadequate nominal returns failing to compensate for inflation, resulting in a significant loss of purchasing power for countless European savers and investors.

The report underscores the underlying issues contributing to this crisis since many years. Years of bullish markets prior to 2022 did somewhat improve long-term returns, but many products now struggle to cover inflation. Asset allocation, with the main part invested in bonds with negative yields and high levels of fees, is the main culprit eroding net returns. Additionally, lack of transparency on charges compounds the difficulty for savers to compare pension providers and products.

In 2022, surging inflation, a Eurozone bond market unlikely to replicate past returns, and a growing reliance on private pensions together paint a dire outlook for European pension savers.

BETTER FINANCE emphasises the urgent need for action from EU and national authorities, particularly in implementing proposed rules on product oversight, governance, and information to investors. The report also stresses the challenges in obtaining fundamental data, calling for transparent and coherent reporting frameworks, and standardised reporting requirements for national competent authorities.





# The Year ahead for Local Equities

JANUARY 10, 2024 *By Josef Cutajar*

**Investors need to think ahead and evaluate any necessary options in a timely manner**

At this time of the year, it is customary for international financial analysts and investment research houses to issue their expectations for the coming twelve months. Although such forecasts must always be weighed against the major evolving events shaping the world's economies and financial markets, the theses supporting the initial outlooks typically serve as an important backdrop for the investment decisions to be taken throughout the rest of the year.

For investors with exposure to shares listed on the Malta Stock Exchange, such an exercise might be even more imperative to undertake when considering the lack of liquidity and the relatively small size of the market. Consequently, investors would need to think ahead and evaluate any necessary options in a timely manner.

After three consecutive years of decline, in 2023, the MSE Equity Price Index rebounded by 11.4 per cent to just under 3,690 points. However, at this level, the index is still 19.4 per cent lower than its most recent high of 4,912.452 points recorded on 30th September 2019. The positive performance registered by the index in 2023 was driven by HSBC Bank Malta plc (+80.3 per cent) and Bank of Valletta plc (+75.3 per cent), which, during the nine-month period ending on 30th September 2023 generated pre-tax profits of €100.8 million and €163.5 million respectively – the highest levels in several years. Besides the good financial performances which even led the two banks register double-digit return on equity, during the first half of 2023, HSBC Bank Malta paid the highest interim dividend in seven years. On BOV's part, during 2023 the Bank secured a new correspondent banking relationship with Citi, saw its S&P credit-rating outlook upgraded to "Stable," restored the distribution of dividends, and concluded an agreement for the sale of a portfolio of long-standing non-performing loans for €26 million.

Although the share prices of both APS Bank plc (-5.7 per cent) and Lombard Bank Malta plc (-15.1 per cent) drifted lower in 2023, the two smaller retail banks also had a milestone year, primarily due to their successful efforts in strengthening their capital base through the issuance of new shares (via scrip dividends for APS and a rights issue for Lombard) and unsecured subordinated bonds (APS).

Building on the achievements of 2023, the four retail banks are now in a stronger position to continue pursuing their respective strategies. Furthermore, it will be interesting to observe the dividend payout ratios that the two largest banks will adopt for the full 2023 financial year and the extent to which they can commit to this for 2024 and beyond. On the other hand, APS will be closely monitored for any additional capital requirements, while Lombard will be evaluated against the targets outlined in its three-year growth plan (until 2026) set out at the time of the rights issue in September 2023.

In the property segment, Malita Investments plc is planning a €33 million rights issue in Q1 2024. The funds are intended for the completion of the €120 million 'Affordable Housing Project' by the end of 2026. This year, AX Real Estate will inaugurate the much-anticipated Hotel Verdala, while news is expected from MIDI plc and VBL plc regarding their projects in Manoel Island and Valletta respectively. With respect to the other principal property companies, investors will likely focus on the continued international growth trajectory of Hili Properties plc and the success or otherwise of Trident Estates plc in achieving full occupancy of Trident Park besides any developments related to Trident House. In addition, investors will monitor any updates from Malta Properties Company plc with regards to the expiry of the lease agreements covering circa 18,500 sqm of the company's net leasable area representing 46 per cent of MPC's total stock of office and commercial space.

No significant developments are foreseen from Main Street Complex plc, Plaza Centres plc, and Tigné Mall plc. Nevertheless, it remains imperative for investors to continue gauging the financial performances of these companies in light of their reliance on the underlying strength of consumer spending amid a very high and intensifying level of competition in the sector within an environment of elevated inflation.

The erosion of real disposable income due to inflationary pressures is also a matter that is central to companies like Simonds Farsons Cisk plc, M&Z plc, PG plc, and The Convenience Shop (Holding) plc. Despite the resilience shown by the Maltese economy over the past months and years in the wake of the COVID-19 pandemic and the wars in Ukraine and the Middle East, there are concerns about how consumer spending patterns and profit margins are shifting which could dampen overall investment sentiment. Fortunately, however, the tourism sector is thriving, and this positive trend should be confirmed when Malta International Airport plc publishes its traffic and financial forecasts for 2024.

This year is expected to be important for International Hotel Investments plc as the Group will be inaugurating four new Corinthia hotels (located in Brussels, Bucharest, Rome, and New York) ahead of further expansion in 2025 (Doha) and 2026 (Diriyah and Maldives). Moreover, IHI is in the process of obtaining the necessary permits for the proposed redevelopment of a large tract of land measuring over 83,000 sqm situated in an area known as 'Ħal-Ferħ' in proximity to the Radisson Blu Resort & Spa, Golden Sands. The Group intends to construct a low-rise, mixed-use complex – 'Corinthia Oasis' – comprising a 162-key luxury hotel and 25 detached and serviced villas, supported by a top-tier wellness centre and spa, food and beverage outlets, as well as a host of ancillary resort amenities. Investors in IHI will also be watchful for any other major initiatives that the Group might pursue to further enhance its profile, including opportunities to crystallise value accumulated over the years, extend its global outreach through new agreements with third-party investors, as well as leverage its strong connections with prominent investment firms and sovereign wealth funds.

The international aspirations of RS2 Software plc and MedservRegis plc are also expected to remain in focus amongst local investors. Equally intriguing are the endeavours of GO plc in Cyprus (through its 70.22 per cent equity stake in Cablenet Communications Systems plc) where the Group is gaining notable market share and considerably broadening its network footprint. Meanwhile, BMIT Technologies plc will be tested on its ability to continue responding to the fast-changing dynamics of the market and, at the same time, assimilate the passive telecom infrastructure recently acquired from its parent company. The upcoming reporting season will be crucial for the revival of investor sentiment across the local equity market. Moreover, it should also serve as an opportunity for the various companies to communicate their respective strategies clearly and effectively, along with their targets for the foreseeable future. More serious concerted efforts need to be taken in this respect, involving all market participants, regulators, and other institutions with a view of achieving a deeper and better-functioning local equity market.



*This article was written by Josef Cutajar, Financial Analyst at M.Z. Investment Services Limited ("MZI"). The author has obtained the information contained in this article from sources believed to be reliable and has not verified independently the information contained herein. The contents of the article are the author's views and may not reflect the other opinions in the organisation. The article is being published solely for information purposes and should not be construed as investment, legal, or tax advice, or as a recommendation to buy, sell, or hold any security, investment strategy or market sector. The financial instrument referred to in this article may not be suitable or appropriate for every investor. Prospective investors are urged to consult their Investment Advisor prior to making an investment. Past performance is no guarantee of future results, and the value of investments may go down as well as up. MZI accepts no responsibility or liability whatsoever for any expense, loss or damages arising out of, or in any way connected with, the use of all or any part of this article. No part of this article may be shared, reproduced, or distributed at any time without the prior consent of MZI.*

*MZI is a member of the Malta Stock Exchange and is licensed by the Malta Financial Services Authority to conduct investment services business under the Investment Services Act (Cap. 370) (License N° IS23936). M.Z. Investment Services Limited, 63 'MZ House', St Rita Street, Rabat RBT 1523. Telephone: +356 21453739; Email: info@mzinvestments.com; Website: www.mzinvestments.com.*

# Avviżi

## KONFERENZA TAL-MASS - FRAR

**Data:** **L-Erbgħa 14 ta' Frar 2024** **Ħin: fis-18:00**
**Suġġett:** ***Markets in Crypto-Assets Regulation* (MiCA)**
**Kelliem:** **Is-Sur Michael Sciclunа, Legal Officer, MFSA**
**Post:** **Mistral Meeting Room, Marina Hotel, San Ġiljan.**

## ŻJARA TAL-MASS - FRAR

**Il-MASS se tibda torganizza żjarat f'diversi postijiet ta' interess għalina l-Investituri ż-Żgħar. L-ewwel waħda se tkun fil-Borża ta' Malta, fejn diversi Uffiċjali, waqt li jdawruna mal-post, se jagħtuna informazzjoni kif taħdem il-Borża, kif ukoll jagħmlulna preżentazzjoni. Fl-aħħar ikollna l-kafè.**

**Data:** **Il-Ħamis 15 ta' Frar 2023** **Ħin: fl-10:00**
**Post:** **Borża ta' Malta, il-Belt Valletta.**

**Postijiet limitati għal 30 persuna biss. Qegħdin nieħdu *bookings* b'imejl jew ċemplu fuq 99494878.**

**MEMBERSHIP APPLICATION FORM** (IKTEB B'ITTRI KBAR)

Nixtieq insir membru / inġedded is-sħubija tal-**Malta Association of Small Shareholders**.

Isem u kunjom: ______________________________

Indirizz: ______________________________

Kodiċi Postali: ______________ ID: ______________

Tel ______________ Mowbajl______________ Imejl: ______________

Qed nibgħat ċekk ta' €_____, f'isem il-Malta Association of Small Shareholders.

MASS C/O Malta Stock Exchange Plc. Garrison Chapel, Castille Place, Valletta VLT 1063

**Jien niddikjara li nimxi skont l-Istatut u l-aġġornamenti tiegħu.**

**Statut jinsab fuq il-Website tal-MASS**

FIRMA: ______________ DATA: ______________

**Il-ħlas għas-sħubija:**
**Sentejn – EUR 10.00**
**Ħames snin – EUR 20.01**
**50% skont lill-istudenti**

*L-INFORMAZZJONI KOLLHA TINŻAMM SKONT ID-'DATA PROTECTION ACT'.*

# Companies Supporting the Malta Association of Small Shareholders (MASS)

## PLATINUM

FIDEM INTEGRITAS PARIT

MALTA STOCK EXCHANGE

## GOLD

BOV Bank of Valletta

INTERNATIONAL HOTEL INVESTMENTS P.L.C.

HSBC

## SILVER

MIDI

HILI PROPERTIES

MAPFRE MIDDLESEA

HARVEST

MALTA INTERNATIONAL AIRPORT

Convenience Online

Jesmond Mizzi

moneybase

MEDSERV

LOQUS BUSINESS INTELLIGENCE

Plaza

SANTUMAS SHAREHOLDINGS plc

REGIS

FIMBANK

## BRONZE

VBL Group

MAIN STREET SHOPPING COMPLEX • PAOLA

AX GROUP

MALITA INVESTMENTS

PG plc

malta post

THE POINT SHOPPING MALL

M&Z

LOMBARD

Malta Properties

Farsons BREWERS & BOTTLERS